

# **Kawża C-452/09**

**Tonina Enza Iaia et**

**vs**

**Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca et**

(talba għal deċiżjoni preliminari  
mressqa mill-Corte d'appello di Firenze)

“Direttiva 82/76/KEE — Libertà ta’ stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi — Tobba — Kisba tat-titolu ta’ speċjalista — Remunerazzjoni matul il-perijodu ta’ taħriġ — Preskrizzjoni ta’ ħames snin fuq id-dritt għall-ħlas ta’ remunerazzjoni perijodika”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-19 ta’ Mejju 2011 . . . I - 4045

**Sommarju tas-sentenza**

*Dritt tal-Unjoni — Drittijiet mogħtija lill-individwi — Ksur minn Stat Membru — Obbligu ta’ kumpens għad-dannu kkawżat lill-individwi — Forom tal-kumpens*

Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jeċċepixxi l-iskadenza ta' terminu preskrittiv raġonevoli kontra azzjoni legali ppreżentata minn individwu fid-dawl tas-salvagwardja tad-drittijiet mogħtija minn direttiva, anki meta huwa ma jkunx ittrasponha korrettament, sakemm l-Istat Membru, permezz tal-aġir tiegħu, ma jkunx ikkawża d-dewmien tal-azzjoni. Il-konstatazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni ma għandhiex impatt fuq il-bidu tad-dekorrenza ta' terminu preskrittiv, meta ma jkun hemm l-ebda dubju li l-imsemmi

ksur ikun seħħ. Fit-tali każ, fil-fatt, il-konstatazzjoni ġudizzjarja ta' dan il-ksur ma hijiex neċċessarja sabiex il-benefiċjarji jkunu f'pożizzjoni jkunu jafu d-drittijiet kollha tagħhom. Għaldaqstant l-iffissar tal-punt ta' tluq tat-terminu qabel l-imsemmija konstatazzjoni ma jirrendix is-salvagwardja tad-drittijiet ibbażati fuq id-dritt tal-Unjoni prattikament impossibbli jew diffiċċi wisq.

(ara l-punti 23, 24 u d-dispożittiv)